A.L. 72 tal-2026

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw r-Regolamenti dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru responsabbli għall-ikel għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 449.42.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2024/1438 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, 2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem, u 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2026.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 1.2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"1.3. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw ukoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2024/1438/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman.".

Iżid r-regolament 2.5 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 2.4. tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"2.5. Prodotti li jitqiegħdu fis-suq jew jiġu ttikkettjati qabel l-14 ta' Ġunju 2026 skont id-Direttiva 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman jistgħu jibqgħu jinbiegħu sakemm jispiċċaw

l-istokkijiet.".

Jemenda r-regolament 4.1 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4.1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fir-regolament 4.1. tiegħu l-kliem "Ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel għandhom japplikaw għall-prodotti mfissra fl-Ewwel Skeda, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi japplika għall-prodotti mfissra fl-Ewwel Skeda, taħt il-koundizzjonijiet li ġejjin:";

(b) minnufih wara r-regolament 4.1, kif emendat, is-subregolament 4.1.1(b) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

" (b) Bħala alternattiva għall-ismijiet tal-prodotti li saret referenza għalihom fil-paragrafu (a), it-Tielet Skeda tipprovdi lista ta' denominazzjonijiet partikolari. Fejn operatur juża d-denominazzjonijiet elenkati fil-Parti I tat-Tielet Skeda, l-imsemmija denominazzjonijiet għandhom jintużaw fil-lingwa u skont il-kondizzjonijiet stipulati hemmhekk. Fir-rigward tad-denominazzjonijiet elenkati fil-Parti II tat-Tielet Skeda, l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel tista' tistipula li tali denominazzjonijiet għandhom jintużaw f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.";

(ċ) is-subregolament 4.1.4 tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"4.1.4 Id-dikjarazzjoni "il-meraq tal-frott fih biss zokkor naturali" tista' tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-isem tal-prodotti msemmija fil-punt 1 tal-Parti I tal-Ewwel Skeda.";

(d) is-subregolament 4.1.6 tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"4.1.6 Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 għal taħlitiet ta' meraq tal-frott minn konċentrat jew meraq tal-frott minn konċentrat b'zokkor imnaqqas b'meraq tal-frott jew b'meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas, kif ukoll għal nektar tal-frott miksub kollu jew parzjalment minn prodott konċentrat wieħed jew aktar, it-tikketta għandha tinkludi l-kliem "minn konċentrat(i)" jew "parzjalment

minn konċentrat(i)", kif xieraq. Tali informazzjoni għandha tinkiteb viċin tal-isem tal-prodott, li tispikka minn kull sfond, f'karattri li jidhru b'mod ċar.".

Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 5.1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"5.1. It-trattamenti u s-sustanzi elenkati fil-Parti II tal-Ewwel Skeda u l-materja prima li tikkonforma mat-Tieni Skeda biss jistgħu jintużaw għall-manifattura tal-prodotti mfissra fil-Parti I tal-Ewwel Skeda. Barra minn hekk, in-nektars tal-frott għandhom jikkonformaw mar-Raba' Skeda.".

Jemenda l-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali.

6. L-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-Taqsima I tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-partita 1(b) tagħha għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"(b) Il-prodott miksub bir-rikostituzzjoni tal-meraq tal-frott ikkonċentrat kif imfisser fil-punt 2 b'ilma tajjeb għax-xorb li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni).";

(ii) minnufih wara l-partita 5 tagħha għandhom jiġu mizjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"6. (a) Meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas.

Il-prodott miksub mill-meraq tal-frott kif imfisser fil-punt 1(a) fejn l-ammont taz-zokkor naturali jkun tnaqqas tal-anqas tletin fil-mija (30%) bl-użu ta' proċess awtorizzat skont il-kondizzjonijiet stipulati fil-punt 3 tal-Parti II, li jżomm il-karatteristiċi essenzjali fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi l-oħra kollha ta' tip medju ta' meraq tal-frott li joriġina minnu:

Iżda l-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas jista' jinkiseb billi l-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas jitħallat mal-meraq tal-frott, mal-purejiet tal-frott jew it-tnejn.

B 526

(b) Meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas minn konċentrat.

Il-prodott li jinkiseb minn meraq tal-frott ikkonċentrat kif imfisser fil-punt 1(b) fejn l-ammont taz-zokkor naturali jkun tnaqqas tal-anqas tletin fil-mija (30%) bl-użu ta' proċess awtorizzat skont il-kondizzjonijiet stipulati fil-punt 3 tal-Parti II, li jżomm il-karatteristiċi essenzjali fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi l-oħra kollha ta' tip medju ta' meraq tal-frott li jkun ġej minnu, jew il-prodott miksub billi jiġi rikostitwit meraq tal-frott ikkonċentrat b'zokkor imnaqqas kif imfisser fil-punt 7 b'ilma tax-xorb li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni):

Iżda l-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat jista' jinkiseb billi jitħallat il-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat flimkien ma' prodott wieħed jew aktar li ġejjin: meraq tal-frott, meraq tal-frott minn konċentrat, meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas, purè tal-frott minn konċentrat u purè tal-frott.

7. Meraq tal-frott konċentrat biz-zokkor imnaqqas

Il-prodott miksub mill-meraq tal-frott ikkonċentrat kif imfisser fil-punt 2 fejn l-ammont taz-zokkor naturali jkun tnaqqas tal-anqas bi tletin fil-mija (30%) bl-użu ta' proċess awtorizzat skont il-kondizzjonijiet stipulati fil-punt 3 tal-Parti II, li jżomm il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrizzjonali l-oħra kollha essenzjali ta' tip ta' prodott medju, jew il-prodott miksub mill-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas kif imfisser fil-punt 6(a) bit-tneħħija fiżika ta' proporzjon speċifiku tal-kontenut ta' ilma tiegħu. Fejn il-prodott huwa maħsub għall-konsum dirett, it-tneħħija għandha tkun tal-anqas ħamsin fil-mija (50%) tal-kontenut tal-ilma.";

(b) it-Taqsima II tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fil-partita 2 tagħha:

- l-kliem "Addittivi tal-ikel awtorizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008; u addizzjonalment" għandhom jiġiu sostitwiti bil-kliem "Addittivi tal-ikel awtorizzati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008; madankollu dolċifikanti mhumiex permessi fil-manifattura tal-prodotti elenkati fil-Parti I, ħlief għan-nektars tal-frott;";

- l-kliem "Għall-meraq tal-frott, meraq tal-frott minn ikkonċentrat u meraq tal-frott ikkonċentrat: palat rikostitwit, polpa u ċelloli;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għall-meraq tal-frott, meraq tal-frott minn konċentrat, meraq tal-frott ikkonċentrat, meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas, meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat u meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas ikkonċentrat: togħma, polpa u ċelloli rikostitwiti;";

- l-kliem "Għan-nektars tal-frott: palat rikostitwit, polpa u ċelloli; zokkor u/jew għasel sa 20% tal-piż totali tal-prodotti lesti u/jew ta' dolċifikanti;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għan-nektars tal-frott: togħma, polpa u ċelloli rikostitwiti; zokkor u, jew għasel sa għoxrin fil-mija (20%) tal-piż totali tal-prodotti lesti msemmija fil-Parti I tar-Raba' Skeda, ħmistax fil-mija (15%) tal-piż totali tal-prodotti finali msemmija fil-Parti II tar-Raba' Skeda u għaxra fil-mija (10%) tal-piż totali tal-prodotti finali msemmija fil-Parti III tar-Raba' Skeda u, jew dolċifikanti;";

- l-kliem "Jekk il-meraq tal-frott ikun fih zokkor naturali, l-indikazzjonili ġejja għandha tidher ukoll fuq it-tikketta 'fih zokkor naturali';" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Fejn tintuża tali indikazzjoni, il-kliem li ġej għandu jidher ukoll fuq it-tikketta: 'fih zokkor naturali;";

- il-kliem "Għall-prodotti mfissra fil-punti 1 sa 5 tal-Parti I, sabiex tiġi rregolata t-togħma aċiduża: meraq tal-lumi u/jew meraq tal-lajm u/jew meraq tal-lumi kkonċentrat u/jew meraq tal-lajm ikkonċentrat, sa 3gm għal kull litru ta' meraq, espress bħala aċidu ċitriku anidru;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għall-prodotti mfissra fil-punti 1 sa 7 tal-Parti I, sabiex tiġi rregolata t-togħma aċiduża: meraq tal-lumi u, jew tal-lajm u, jew meraq ikkonċentrat tal-lumi u, jew tal-lajm, sa 3g għal kull litru ta' meraq, espress bħala aċidu ċitriku anidruż;";

- minnufih wara l-aħħar partita tagħha għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"- Għall-meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas u meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat: ilma, mhux iżjed minn kemm ikun hemm strettament bżonn għar-restawr tal-ilma li ntilef minħabba l-proċess tat-tnaqqis taz-zokkor.";

(ii) minnufih wara l-aħħar partita tal-partita 3 tagħha għandhom jiġu miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"- Proteini tal-pjanti mill-qamħ, il-piżelli, il-patata jew iż-żerriegħa tal-ġirasol għat-tisfija.

- Għall-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas u meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat u meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas ikkonċentrat biss: proċessi għat-tnaqqis tal-ammont taz-zokkor naturali, sal-punt li jżommu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi essenzjali l-oħra kollha ta' tip medju ta' meraq tal-frott li ġej minnu, jiġifieri filtrazzjoni b'membrana u fermentazzjoni tal-ħmira.".

Jissostitwixxi t-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali.

7. It-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IT-TIELET SKEDA

Ismijiet Partikolari għal Ċerti Prodotti msemmija fl-Ewwel Skeda

I. Denominazzjonijiet partikolari li jistgħu jintużaw biss fil-lingwa tad-denominazzjoni.

(a) 'vruchtendrank', għal nektars tal-frott;

(b) 'Süßmost', li għandha tintuża biss flimkien mal-ismijiet tal-prodotti 'Fruchtsaft' jew 'Fruchtnektar':

(i) għal nektar tal-frott miksub esklużivament minn meraq tal-frott, minn meraq tal-frott ikkonċentrat jew minn taħlita ta' dawk il-prodotti, li ma għandux togħma tajba fl-istat naturali minħabba l-livell għoli ta' aċidità tiegħu;

(ii) għal meraq tal-frott miksub mit-tuffieħ jew mil-lanġas, biż-żieda ta' tuffieħ fejn ikun xieraq, iżda mingħajr zokkor miżjud;

(ċ) 'succo e polpa' jew 'sumo e polpa', għal nektars tal-frott miksuba esklużivament minn purejiet tal-frott u, jew minn purejiet tal-frott ikkonċentrat;

(d) (i) ‘æblemost’, sinonimu ta’ meraq tat-tuffieħ;

(ii) ‘æblemost fra koncentrat’, sinonimu ta’ meraq tat-tuffieħ minn konċentrat;

(e) (i) ‘sur … saft’, flimkien mal-isem (bid-Daniż) tal-frott użat, għal meraq mingħajr zokkor miżjud miksub minn passolina sewda, ċirasa, passolina ħamra, passolina bajda, lampun, frawli jew tut tas-sebuqa,

(ii) ‘sød … saft’ jew ‘sødet … sød … saft’ jew ‘sødet … saft’ flimkien mal-isem (bid-Daniż) tal-frott użat, għal meraq miksub minn dan il-frott, b’aktar minn 200g zokkor miżjud ma’ kull litru;

(f) ‘äppelmust/äpplemust’, sinonimu ta’ meraq tat-tuffieħ;

(g) ‘mosto’, sinonimu għal meraq tal-għeneb;

(h) ‘smiltsērkšķu sula ar cukuru’ jew ‘astelpaju mahl suhkruga’ jew ‘słodzony sok z rokitnika’ għall-meraq miksub mill-meraq tal-frott seabuckthorn b’mhux aktar minn 140g ta’ zokkor miżjud għal kull litru.

II. Denominazzjonijiet partikolari li jistgħu jintużaw f’waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

(a) ‘ilma tal-ġewż tal-Indi’, għall-prodott li jiġi estratt direttament mill-ġewż tal-Indi mingħajr ma jiġi espress il-laħam tal-ġewż tal-Indi, bħala sinonimu tal-meraq tal-ġewż tal-Indi.".

Jemenda r-Raba’ Skeda tar-regolamenti prinċipali.

8. Fl-Ewwel Taqsima tar-Raba’ Skeda tar-regolamenti prinċipali l-kelma "Sfarġel" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Sfarġel (Cydonia oblonga L.)".

Jemenda l-Ħames Skeda tar-regolamenti prinċipali.

9. Fil-Ħames Skeda tar-regolamenti prinċipali wara l-kliem "Ribes/passolina sewda (*)" għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"Ġewż tal-Indi	Cocos nucifera L.	4.5".